# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEFJOSEPH R. MICALLEF**
**(Aġent President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Frar, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors numru 201/2013/2 TA**

**George Camilleri u martu Anna Camilleri**

**v.**

**David Buttigieg u martu Rita Buttigieg**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar talba ta' ritrattazzjoni tal-20 ta' Lulju, 2022, magħmula minn David u Rita miżżewġin Buttiġieġ taħt l-**Artikolu 811 (l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** sabiex jinstema' mill-ġdid l-appell li ġie maqtugħ minn din il-Qorti b'sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju, 2022, wara li tiġi mħassra l-istess sentenza.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-27 ta' Frar, 2013, l-atturi George u Anna Camilleri fissru li l-ġirien tagħhom, il-konvenuti David u Rita Buttiġieġ, ħadulhom illegalment biċċa art bil-kejl ta' 14-il metru kwadru. Għalhekk il-miżżewġin Camilleri talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tiddikjara li huma sidien ta' din il-biċċa art b'kejl ta' 14-il metru kwadru u sabiex il-miżżewġin Buttigieg jerħu minn idejhom din l-art u jrodduha lura fl-istat illi kienet qabel.

3. Il-miżżewġin Buttiġieġ wieġbu fis-26 ta' Ġunju, 2013 u taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex dawn it-talbiet għandhom jiġu miċħuda. Fosthom li din l-art kienet ilha f'idejhom għal aktar minn tletin sena u li l-atturi jridu jippruvaw li huma tabilħaqq sidien ta' din il-biċċa art.

4. B'sentenza mogħtija fit-28 ta' Ottubru, 2021, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet tal-atturi u ordnat lill-konvenuti sabiex jitilqu minn din il-biċċa art fi żmien sitt xhur mid-data tas-sentenza u sabiex taħt l-indukrar tal-Perit Mario Cassar iroddu lura l-art fl-istat illi kienet qabel. Fil-qosor ħafna, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili waslet għal din il-fehma wara li qieset li meta tneħħa l-ħajt diviżorju li kien jifred il-postijiet taż-żewġ partijiet, dan ma reġax inbena fuq l-istess linja fejn kien qabel, iżda dan

inbena b'tali mod li l-konvenuti ħatfu favurihom biċċa art żejda b'kejl ta' 14-il metru kwadru.

5. Il-konvenuti Buttigieg appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-11 ta' Novembru, 2021, bl-aggravju ewlieni jkun li l-ħajt diviżorju dejjem baqa' fuq l-istess linja fejn kien u li għalhekk mhux minnu li dan il-ħajt inbena aktar 'il ġewwa mill-ġid tal-atturi.

6. B'sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju, 2022, din il-Qorti b'Imħallfin differenti, ċaħdet l-appell imressaq mill-konvenuti Buttigieg. Għalkemm din il-Qorti fis-sentenza tagħha rrimarkat li l-Ewwel Qorti kienet kontradittorja meta f'parti minnha hija qalet li l-ħajt diviżorju ċċaqlaq fl-1992 u f'parti oħra qalet li dan iċċaqlaq bejn l-2008 u l-2012, madankollu din il-Qorti sabet li xorta waħda kien jibqa' l-fatt li l-pjanti, ir-ritratti mill-ajru u x-xhieda tal-perit ta' missier il-konvenut, ilkoll jikkonfermaw u jseddqu l-konklużjoni tal-espert ġudizzjarju li l-ħajt ġie mċaqlaq mil-linja oriġinali tiegħu fl-2008. Għalhekk is-sentenza tal-Ewwel Qorti ġiet ikkonfermata.

7. Fl-20 ta' Lulju, 2022, il-miżżewġin Buttiġieġ ressqu rikors fejn qalu li hemm raġunijiet tajba biżżejjed biex is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Ġunju, 2022, tiġi mħassra u l-kawża tiġi ritrattata skont l-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

8. Fil-qosor, ir-raġunijiet għaliex huma talbu r-ritrattazzjoni ta' din is-sentenza jistgħu jinġabru hekk: (i) li l-atturi Camilleri kienu saħqu li l-invażjoni seħħet fl-1992 u mhux fl-2008; (ii) li r-ritratt tal-ajru tal-2008 ġie interpretat ħażin; (iii) li x-xhieda tal-Perit Godwin Aquilina turi li l-ħajt diviżorju baqa' fl-istess post; u (iv) li s-*site plan* tal-atturi turi li meta huma xtraw, il-post tagħhom kien diġà kif inhu llum.

9. Għalhekk huma talbu lil din il-Qorti sabiex:

> *«i. ai termini tal-Artikolu 811(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent filwaqt li jagħmel referenza għall-atti kollha tal-kawża u jirriżerva provi oħra permessi mil-liġi, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar l-imsemmija sentenza tagħha tat-22 ta' Gunju 2022 fl-ismijiet premessi, u tordna r-ritrattazzjoni tal-kawża u wara tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet tal-atturi, bl-ispejjeż kollha kontrihom.»*

10. Il-miżżewġin Camilleri wieġbu fis-16 ta' Awwissu, 2022 u hemmhekk taw ir-raġunijiet tagħhom għaliex it-talba ta' ritrattazzjoni mressqa mill-miżżewġin Buttiġieġ imissha tiġi miċħuda.

11. Inżammet seduta fil-31 ta' Jannar, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. L-azzjoni li għandha quddiemha l-Qorti hija waħda ta' ritrattazzjoni. Naturalment hija u tqis din l-azzjoni, din il-Qorti trid iżżomm f'moħħha li

proċedura bħal din hija waħda ta' sura eċċezzjonali li ma tistax tintuża bħala grad ieħor ta' appell (ara *inter alia* s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell, ***Data Express Limited v. Atlas Insurance Agency Limited pro et noe*** mogħtija fit-13 ta' Mejju, 2013 u ***Louis Cassar v. San Lawrenz Leisure Resort Limited*** deċiża fil-15 ta' April, 2013).

13. Il-miżżewġin Buttiġieġ qegħdin jgħidu li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Ġunju, 2022, għandha tiġi mħassra għaliex ingħatat fuq żball ta' fatt li joħroġ mill-atti tal-kawża skont l-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

14. Dan l-artikolu jipprovdi li hemm lok għar-ritrattazzjoni meta s-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.

15. L-eżami li jrid isir huwa jekk is-sentenza attakkata hijiex msejsa fuq fatt li fil-verità ma jeżistix, jew inkella jekk din is-sentenza ngħatatx fuq l-assenza ta' fatt li fil-verità jeżisti. F'dan ir-rigward, il-Qorti mhijiex mitluba tgħid jekk l-apprezzament tal-fatt imwettaq fis-sentenza attakkata kienx wieħed tajjeb jew le. Lanqas li tgħarbel jekk il-konsiderazzjonijiet fis-sentenza attakkata, li wasslu għas-suppożizzjoni tal-eżistenza jew l-assenza ta' dak il-fatt, kinux tajba jew ħżiena (ara ***Prokuratur Legali Joseph Zammit nomine v. Michael Fenech pro et noe***, Appell

Superjuri tal-31 ta' Awwissu, 2021).

16. L-iżball ma jridx imiss mal-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza, li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan mhuwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant (ara ***Josephine Camilleri et v. Joseph Camilleri***, Appell Superjuri tas-26 ta' Marzu, 2021). Fi kliem aktar ħafif, irid jintwera li l-iżball ikun wieħed materjali ta' fatt u mhux żball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni (ara ***Gourmet Company Limited et v. Mariano Vella***, Appell Superjuri tat-28 ta' Jannar, 2005).

17. Kif tajjeb poġġietha din il-Qorti fis-sentenza tagħha ***Mare Blu Tuna Farm Limited v. Dr. Louis Cassar Pullicino nomine*** deċiża fl-4 ta' Ottubru, 2010, irid, *«ikun hemm prova ċara u netta fl-atti jew fid-dokumenti li għandha biss tifsira waħda u unika, ċioè li tistabbilixxi ċertu fatt jew li teskludih, u minflok il-ġudikant bi żball u proprju għaliex ma indunax b'tali prova, fid-dikjarazzjoni tiegħu fis-sentenza juri li ssupona l-invers ta' dak li tfisser il-prova u b'hekk mexa fuq presuppost żbaljat.»*

18. Barra minn hekk, skont l-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, jista' jkun hemm lok ta' ritrattazzjoni fuq żball ta' fatt, «*basta li, ...., il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza*» (ara f'dan

is-sens ***Marie-Louise Muscat Inglott sive Marie-Louise Muscat Manduca et v. Louis Manduca***, Appell Superjuri tas-6 ta' Diċembru, 2002, ***Saviour Ellis pro et noe v. Rita Ellis et***, Appell Superjuri tas-16 ta' Novembru, 2010 u ***Christopher Gauci v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud***, Appell Superjuri tal-20 ta' Lulju, 2020).

19. Imħaddma dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, huwa bil-wisq evidenti li l-punti kollha mqanqla mill-miżżewġin Buttigieg bħala raġunijiet ta' ritrattazzjoni taħt l-**Artikolu 811(l)** kienu kollha kemm huma punti ta' kontestazzjoni li l-Qorti tal-Appell daħlet fihom u ddeċidiet dwarhom.

20. Tassew, il-kwistjoni dwar jekk iċ-ċaqliq tal-ħajt diviżorju sarx fl-1992 jew fl-2008 ġiet indirizzata f'paragrafi 35 sa 37 tas-sentenza; il-kwistjonijiet tal-pjanta tal-espert ġudizzjarju u tar-ritratti mill-ajru ġew indirizzati f'paragrafi 29 sa 33 tas-sentenza; il-kwistjoni dwar ix-xhieda tal-Perit Godwin Aquilina ġiet indirizzata f'paragrafi 20 sa 25 tas-sentenza; u l-kwistjoni tas-*site plan* ġiet indirizzata f'paragrafi 12 sa 16 tas-sentenza.

21. Minn qari tas-sentenza attakkata, wieħed dlonk jista' jintebaħ li l-punti fattwali, li skont il-miżżewġin Buttigieg sar żball fuqhom minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata, kienu kollha punti li ġew trattati b'mod speċifiku quddiem din il-Qorti. Dan minħabba li dawn il-punti kienu kollha jifformaw parti mill-ilmenti li tressqu fir-rikors tal-appell tagħhom. Ifisser

dan, li dak li qegħdin jagħmlu l-miżżewġin Buttigieg b'dan ir-rikors ta' ritrattazzjoni huwa biss li sempliċement jattakkaw il-mod ta' kif din il-Qorti interpretat dawn il-kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-data taċ-ċaqliq tal-ħajt diviżorju, mal-pjanta tal-espert ġudizzjarju, mar-ritratti tal-ajru, max-xhieda tal-Perit Godwin Aquilina u mal-pjanta tal-inħawi.

22. Il-miżżewġin jistgħu ma jaqblux mad-deċiżjoni tal-Qorti u mal-interpretazzjoni li din tat dwar dawn il-ħwejjeġ, iżda b'daqshekk dan ma joħloqx żball ta' fatt skont l-**Artikolu 811(l)**. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Joseph Agius et v. Golu Spiteri*** deċiża fil-31 ta' Mejju, 2019, kawża ta' ritrattazzjoni m'għandhiex isservi sabiex issir interpretazzjoni differenti minn dik tal-Qorti li tkun iddeċidiet il-kawża, għaliex inkella din il-Qorti tkun qiegħda tqis appell minn deċiżjoni li ma tistax tiġi appellata (ara wkoll ***Maria Dolores sive Doris Debono v. Alfred Galea et***, Appell Superjuri tal-15 ta' Frar, 2006).

23. Il-kwistjoni quddiem il-Qorti llum mhijiex jekk ir-raġunament tas-sentenza attakkata huwiex tajjeb jew le. Il-kwistjoni hi jekk is-sentenza hijiex l-effett ta' żball dwar fatt li ma kienx punt ikkontestat deċiż fis-sentenza. Is-sentenza attakkata qieset il-kwistjonijiet kollha ta' fatt imsemmija mill-miżżewġin Buttigieg fir-rikors għar-ritrattazzjoni tagħhom, iżda waslet għall-konklużjoni kontra dak li riedu huma. Kulma qegħdin ifittxu l-miżżewġin Buttigieg illum hu li d-deċiżjoni fuq dawn il-punti tiġi

meqjusa mill-ġdid.

24. L-apprezzament tal-fatt imwettaq minn din il-Qorti fis-sentenza attakkata jista' jkun tajjeb u jista' jkun żbaljat, iżda l-kwistjoni ma tistax terġa' tinfetaħ fi proċeduri bħal dawk tal-lum, għax proċedura ta' ritrattazzjoni mhijiex grad ieħor ta' appell (ara ***Cassar Fuel Limited v. Gozo Channel (Operations) Limited et***, Appell Superjuri tat-28 ta' Jannar, 2021).

25. Tfalli għalhekk l-azzjoni tal-miżżewġin Buttigieg biex ikun hemm ritrattazzjoni taħt l-**Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tiċħad** it-talbiet kollha ta' David u Rita Buttiġieġ għat-tħassir tas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fit-22 ta' Ġunju, 2022, bl-ispejjeż kollha kontra tagħhom.

Joseph R. Micallef
Aġent President

Tonio Mallia
Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Deputat Reġistratur
da